# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 28 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 1/2001**

**Professur Anthony P. Jaccarini**

**v.**

**Reverendu Professur Peter Serracino Inglott**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq talba tal-kwerelant Professur Anthony P. Jaccarini, kontra l-kwerelat Reverendu Professur Peter Serracino Inglott, talli fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra ta' Malta fil-harga tas-Sunday Times tat-18 ta' Frar, 1996, pagna 35, bl-istampat intitolat "Two False Statements" u li jibda bil-kliem "Professor Jaccarini…" u jispicca bil-kliem "….villainous fraternal bias", bhala awtur, immalafama lill-imsemmi Professur Anthony P. Jaccarini billi attribwielu fatti determinati bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu jew li jesponih ghar-ridikolu jew disprezz tal-pubbliku u dana ghat-terminu ta' l-Artikolu 11 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, 1984);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Dicembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-kwerelat Rev. Prof. Peter Serarcino Inglott hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundanatu multa ta' hamsin lira Maltija (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Rev. Prof. Peter Serracino Inglott, minnu ppresentat fis-27 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet moghtija quddiem il-Qorti Inferjuri; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kawza, li min-natura taghha suppost li hija wahda sommarja, inbdiet b'citazzjoni (ta' kawza privata) datata 24 ta' Frar, 1996, u l-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri nzammet fl-20 ta' Marzu, 1996. Il-kwerelant qieghed jilmenta in partikolari minn bran, fl-artikolu indikat fl-imputazzjoni u miktub mill-kwerelat appellant, li jghid testwalment hekk:

*"I merely replied on TV to just one of the falsehoods which this statement (like several others) made under oath by Professor Jaccarini contains"*.

Mill-kumplament ta' l-artikolu jirrisulta li r-referenza ghal "statements…made under oath" hija referenza ghal dak li suppost qal jew issottometta bil-gurament il-kwerelant quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji wara li dan kien fetah kaz quddiem din il-Kummissjoni minhabba li ma kienx inghata (jew inghata lura) kariga li huwa kien precedentement jokkupa fl-Universita` ta' Malta.

L-aggravji ta' l-appellant huma diversi, u ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju huwa, bazikament, fis-sens li huwa qatt ma kellu l-hsieb li jingurja jew jimmalafama lill-Professur Jaccarini, u l-uniku hsieb u interess tieghu kien li jiddefendi lilu nnifsu kontra allegazzjonijiet inveritjeri li kien qed jaghmel fil-konfront tieghu l-istess Professur Jaccarini fil-kuntest ta' kontroversja li kienet saret wahda pubblika. L-appellant jikkontendi li f'dan is-sens kien hemm "kompensazzjoni ta' l-ingurja" kif ukoll "fair comment". Din il-Qorti, pero` ma taqbilx ma' l-appellant. Anke jekk il-kwerelant kien b'xi mod ingurja lill-appellant f'xi *forum* iehor (quddiem il-Kummissjoni msemmija jew fuq it-televizjoni), l-appellant ma setax jiehu l-ligi b'idejh u jimmalafama, bil-mezz ta' l-istampa, lill-istess kwerelant. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha:

"two wrongs do not make a right *u l-kwerelat ma setghax jiehu l-ligi b'idejh u jiehu sodisfazzjon billi jimputa agir kriminali permezz ta' kitba stampata li kienet accessibbli ghall-pubbliku. Jekk il-kwerelat hassu ingurjat b'xi agir tal-kwerelant kellu l-mezzi legali kollha disponibbli ghalih imma s-soluzzjoni zgur li ma kienitx li tirribatti malafama b'malafama ohra."*

Din il-Qorti rriproduciet dana l-bran mis-sentenza appellata ghax taqbel perfettament mal-principju enuncjat fih, li huwa wara kollox principju ta' civilta`, liema principju forsi, xi kultant, jintesa fl-arja rarefatta akkademika. Huwa veru li jezisti l-principju tal-kompensazzjoni ta' l-ingurja, pero` dan hu applikabbli biss ghall-ingurja verbali meta tkun f'forma ta' botta w risposta.

Anqas jista' jinghad li hawn si tratta ta' "fair comment" jew li dak li qal l-appellant kwerelat kien assolutament necessarju li jghidu biex ikun jista' jispjega jew jiddefendi ruhhu. Il-qarrej ordinarju li jaqra l-bran aktar 'l fuq riportat mill-artikolu in kwistjoni, u fil-kuntest ta' dak l-artikolu, ma setghax jifhem hlief li l-Professur Jaccarini gideb taht gurament (ha gurament falz), u cioe` li <u>deliberatament</u> qal affarijiet <u>li hu kien jaf li ma humiex veri</u> u qalhom taht gurament. Din hi allegazzjoni serjissima, effettivament allegazzjoni ta' reat kriminali, li certament tinkwadra bhala malafama taht il-paragrafu (a) tal-Artikolu 11 tal-Kap. 248. L-uzu tal-kelma "falsehoods" in partikolari timplika element ta' qerq u gideb, aktar milli semplicement ta' xi haga li ma hix korretta jew li hi inveritjera. Jekk l-appellant ried semplicement jghid li dak li qal il-kwerelant fl-i*statement*

quddiem il-Kummissjoni ma kienx fattwalment korrett, seta' facilment qalu mod iehor.

Aggravju iehor ta' l-appellant – migjub fiz-zewg paragrafi ta' qabel l-ahhar fir-rikors tieghu – hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta rriteniet li, ghall-finijiet tad-difiza tal-verita` tal-fatti (Artikolu 12, Kap. 248) "il-kwerelat kellu jipprova li mhux biss il-Professur Jaccarini xehed il-falz quddiem il-Kummissjoni imma li kien jaf li kien qieghed jixhed il-falz taht gurament", u li, fi kwalunkwe kaz, dak li qal fl-artikolu inkriminat kien jirrispekkja l-verita`. Din il-Qorti ma taqbilx. Jekk wiehed jimputa spergur jew gurament falz fil-konfront ta' xi hadd, biex jirnexxi fil-prova tal-verita tal-fatti irid jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak ix-xi hadd <u>deliberatament</u> kien qed jixhed il-falz (billi ma jghidx is-sewwa, jew ma jghidx is-sewwa kollu li jkun jaf bih u li jkun jaf li hu relevanti ghall-fini ta' dak li qed jixhed dwaru), u mhux semplicement li dak li qal ma kienx fattwalment korrett. F'dan ir-rigward ma hemm xejn x'wiehed jiccensura fis-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Deputat Registratur